# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Ottubru 2019**

**Numru 19**

**Rikors numru 268/17 AGV**

**Mary Webster**

**v.**

**L-avukat Martin Fenech u l-PL Davina Sullivan mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Richard Webster permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Novembru 2017**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-kuraturi ghan-nom tal-konvenut assenti [il-konvenut] u l-iehor incidentali maghmul mill-attrici, minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-31 ta' Jannar 2019 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ppronunzjat il-firda personali bejn il-konjugi Webster bi htija esklussiva tal-konvenut minhabba adulterju u abbandun, iddecidiet dwar l-effetti konsegwenzjali

tas-separazzjoni, billi, *inter alia* ordnat: lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mensili ta' €3,000 bhala manteniment dovut lilha u li dan ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-istess konvenut; qassmet u assenjat flus bankarji u investimenti tal-partijiet formanti parti mill-assi tal-kommunjoni; u assenjat lill-konvenut il-proprjeta` li l-partijiet ghandhom fil-Bulgarija; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**MANTENIMENT**
>
> "Ir-rikorrenti tikkonferma li hi qatt ma hadmet tul iz-zwieg u meta l-intimat telaq minn Malta f'Marzu, 2012, kien jibghatilha flu sabiex tkun tista' tghix u thallas il-kontijiet. Tghid li kienet ghamlet tentattivi biex jikkonkludu s-separazzjoni bonarjament, izda kien ghalxejn, anzi l-intimat kien jheddidha li jekk kienet se tkompli tinsisti li riedet separazzjoni, kien ha jibghatilha ammont minimu. Peress li ma kienx jaqblilha kienet qaghdet kwieta, izda ma kinitx taf li sadanittant ir-rikorrent kien ser jitlef l-impjieg tieghu, li berbaq gidu kollu u ma kienx se jibghatilha aktar flus.
>
> "Ir-rikorrenti tkompli tispjega li ma kellhiex ideja li kien nefaq gidu u ma setghetx tifhem kif peress li kellu paga tajba hafna. Pero' kienet bdiet tircievi fatturi mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, fejn irrizulta li kien hemm arretrati pendenti u l-konsegwenti taxxa. [1] Tghid ukoll li kienet irceviet ittra minghand Natwest, bank Ingliz, fejn kellhom kont kongunt ta' kreditu, izda qabel ma telaq l-intimat kien ikkancella l-credit card taghha u zamm tieghu biss attiva. Irrizulta li l-intimat kien hareg overdraft fuq dan il-kont u per konsegwenza kienet qed tircievi ittri minghand il-bank bhala twissja li d-dejn li kellhom fuq dan il-kont kellu jithallas. Qed tibza' li l-kredituri ha jduru fuqha peress li l-kont juri l-indirizz taghha, kif ukoll peress hi u l-intimat ghadhom mizzewwgin.

[1] Ara Dokument D a fol.51 tal-process.

"Ir-rikorrenti tikkonferma li l-ahhar li rceviet manteniment minghand zewgha kien f'Marzu, 2017 fejn kien infurmaha li kien minghajr impjieg. Kien wieghdha li malli jerga' jaqbad jahdem kien jerga' jibghat il-flus, izda dan qatt ma gara. Kien sahansitra biddel in-numru tal-mobile tieghu u ghalhekk ma setghetx tikkomunika mieghu. It-tfal kienu qalulha li missierhom kien qallhom li ta' sikwit kien jitlef il-mobile.

"Ir-rikorrenti tghid li kienet talbet l-ghajnuna mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, biex ma tibqax piz fuq uliedha, peress li dawn ukoll kellhom lill-uliedhom, izda giet infurmata li ma setghux jaghtuha beneficcji peress li ma kinitx ghadha legalment isseparata minn ma' zewgha.

"Ma kienx hemm kontestazzjoni dwar manteniment ghall-ulied peress li huma maggorenni.

"Dwar id-dar matrimonjali, ir-rikorrenti kellha xi tghid li meta gew Malta kienu marru joqoghodu go apartament li mbaghad eventwalment gie jghajjat lilha. Pero' f'Marzu, 2002 l-appartament ta' tahthom kien ghall-bejgh u kienu xtrawh il-fond 134, Flat 1, Triq Sant'Elena, Sliema permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.Herbert Cassar fil-11 ta' Marzu, 2002 ghall-prezz ekwivalenti ghal €70,000 u tghid li hi ghadha tghix f'dan l-appartament.

"Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, ir-rikorrenti tispjega li peress li ma kinitx tahdem kellhom kont kongunt mal-Bank of Valletta plc u l-paga tal-intimat kienet tidhol f'dan il-kont u kienu jithallsu l-kontijiet minn hawn. Ir-rikorrenti tghid li ma kinitx indunat li meta zewgha beda jmur in-Nigerja u kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra hemmhekk, kien isarraf hafna flus bla ma jghidliha u kien il-Bank li kien infurmaha li ma kienx ghad fadal flus fil-kont taghhom.

"Ir-rikorrenti tghid ukoll li hi u zewgha kienu xtraw artijiet fil-Bulgarija. Kienet il-holma tal-intimat li jiftah *bed and breakfast* zghir barra minn Malta. Kien ghalhekk li meta sabu art li nteressat lill-intimat kien beda jikkomunika ma' Sarah Stanley li kienet tahdem mal-kumpanija Rivendell Ltd.[2]

"Kienu hallsu 10% tal-prezz, imbaghad kienu telghu l-Bulgarija sabiex jikkonkludu l-bejgh. Kienu fil-fatt iffurmaw kumpanija bl-isem ta' Webbies Ltd. li xtrat din il-proprjeta' ghall-prezz ta' €37,000.[3] Imbaghad kienu xtraw l-art magenb l-art li kienu xtraw u dan kien fis-sena 2008, izda peress li f'dak il-perjodu r-rikorrenti kellha taghmel operazzjoni medika magguri, ma kienx possibbli ghalihom li jsiefru u kienet kkonkludiet il-bejgh ghalihom Sarah Stanley ghall-prezz ta' €12,044.[4] Ir-rikorrenti tikkonferma li din l-art kienet ghadha tifforma parti mill-komunjoni, izda tghid li ma kienux zvillupawha u ma kellhiex interess

[2] Ara Dok.G a fol.64 tal-process.
[3] Ara DOk.H a fol.69 tal-process.
[4] Ara Dok.I a fol.85 tal-process.

tmur il-Bulgarija ghax kienet aktar kuntenta d-dar, mat-tfal u n-neputijiet. Tghid li dina kienet biss holma tal-intimat.

“Dwar investimenti tal-fondi, ir-rikorrenti issemmi s-segwenti:-

(a) “Meta l-intimat kien jahdem mal-kumpanija GlobalSantaFe, kellu *retirement plan* inkluz fis-salarju u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu. Kellu jircievi pensjoni pagabbli kull xahar u kien hemm ukoll kundizzjoni li jekk kemm-il darba, l-intimat jirtira kmieni kienu japplikaw xi multi u dan skond ittra li rcieva f’Dicembru, 2006.[5]

(b) “Qabel mal-intimat ma telaq ghal kollox f’Jannar, 2012, talab li din il-pensjoni tibda tinqasam f’zewg kontijiet, izda dina t-talba giet irrifjutata sakemm ma kienx hemm sentenza li juri li kienu nfirdu.[6]

(c) “L-intimat kien ghamel xi investimenti biex xtara ishma fil-Global Marine Drilling Corporation u kien hemm zewg poloz:-

(i) “9860223 li f’April, 2014 kien hemm bilanc ta’ GBP 16,275.36;
(ii) “9860231 li f’April, 2014 kien hemm bilanc ta’ GBP 12,696.14[7]

“Dwar proprjeta’ parafernali, ir-rikorrent tispjega li meta kienu gew ighixu Malta, kien joqoghodu go dar li kienet tappartjeni lill-familja taghha, 79, Fawwara Lane, Sliema u tghid li kienu jhallsu cens fuqha. Aktar tard kien avvicinaha kuntrattur John Sammut li ried id-dar fejn kienu jghixu ghax ried jibni *business centre*. Peress li kienet infurmatu li ma kellhiex titolu, hlief cens fuq id-dar, kien ippropona li jsir kuntratt ta’ skambju , fejn icedi d-drittijiet taghha fuq il-fond in kwistjoni biex il-kuntrattur seta’ jizvillupaha, filwaqt li l-kuntrattur kien jaghtiha appartament fi triq Sant’Elena, f’Tas-Sliema.

“Ir-rikorrent tghid li kienet talbet lill-missierha biex wara l-iskambju l-appartament isir taghha, izda ma kienx dispost li jaghmel hekk ghax ma riedx jinkludi lill-intimat. Imbaghad kienu lahqu ftehim, fejn id-dar iddur fuq ir-rikorrenti u b’hekk wara li jsir il-kambju l-appartament ikun tar-rikorrenti. Ghalhekk fit-30 ta’ Awissu, 1990 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa missier ir-rikorrenti kien ittrasferilha c-cens tad-dar fuqha. Kienet ukoll tat rigal ta’ Lm200 lill-missierha. F’Marzu, 1991, ir-rikorrenti tisjega li kemm hi kif ukoll John Sammut kienu ghamlu skrittura privata fuq l-iskambju li kien sar[8] u f’Ottubru, 1991, tghid li kienu deherhu fuq kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Herbert Cassar sabiex il-flat 134, Flat 2, Triq Sant’Elena jigi trasferit ghal fuqha.

“Rat ix-xhieda ta’ Owen Webster, iben il-partijiet. Ighid li hu bhal missieru kien jahdem barra minn Malta. Kien jahdem barra ghal gimaghtejn u jaghmel gimaghtejn hawn Malta. Jistqarr li beda

[5] Ara Dok.J a fol.89 tal-process.
[66] Ara Dok.K a fol.90 tal-process.
[7] Ara Dok.M a fol. 95 tal-process.
[8] Ara Dok. O a fol. 101 tal-process.

jissuspetta li kien hemm xi haga bejn il-genituri tieghu, ghaliex fejn issoltu kienu johorgu u jdumu barra, missieru ma kienx qed jakkumpanja lill-ommu li kienet tmur tilghab il-bingo. Ix-xhud induna li anke meta missieru kien joqghod id-dar kien jagixxi b'mod suspettuz. Kellu mobile iehor sigriet, ghax ix-xhud ighid li minkejja li kellu hajtu u ma tantx kien ikun id-dar, kien gieli rah lill-missieru jibghat messaggi minn dan il-mobile sigriet. Iddecieda li jikkonfronta lill-missieru u dan tal-ahhar kien ammetta mieghu li kellu relazzjoni ma' mara ohra. Kien inhasad ghax kien jahseb li l-genituri kellhom zwieg sod u beda jinkwieta li haga bhal din kienet se tkisser lil ommu u ghalhekk kien ipprova jikkonvinci lill-missieru biex iwaqqaf kollox. Kien qallu li kien waqqaf kollox peress li nduna li kien zbalja, izda kienet biss gidba ghax ftit xhur wara rega' qabdu jibghat il-messaggi. Missieru ammetta mieghu, li qatt ma kien waqaf milli jara li din il-mara. Imbaghad missieru kien qal kollox lir-rikorrenti u kien id-dar meta qallha, tant li hu u t-tfajla tieghu kienu telqu biex ma jispiccawx fin-nofs.

"Meta t-tnejn li huma nsertaw Malta, ftit wara dan l-episodju, l-intimat kien stqarr mieghu, li ma kienx ghad kellu l-istess sentimenti lejn ir-rikorrenti u kien iddecieda li jhalliha. F'dak iz-zmien kien joqghod in-Nigeria. Kien ghamel xi zmien gej u sejjer bejn Malta u Nigeria, sakemm darba minnhom telaq u ma regax gie. Kien gie forsi b'kollox xi hames darbiet.

"Fiz-zmien li kien ghadu gej u sejjer bejn Malta u n-Nigeria, li r-rikorrenti kienet qabditha l-marda tal-gonorrhea u kien konvinta li kienet haditha minghand l-intimat minhabba li kien ilu ghal xi sentejn ikollu relazzjonijiet ma' nisa differenti fin-Nigerja.

"Ix-xhud ighid li ma tantx kellu xi jghid ghal dak iz-zmien li missieru kien ikun Malta. Jiftakar pero' li kien nizel ghat-tieg tieghu u kien anke ltaqa' man-neputijiet. Kien hemm xi darbtejn li kienu hargu jixorbu flimkien u kienu tkellmu fuq in-nisa li l-intimat kellu relazzjonijiet intimi maghhom u kien sahanistra urih ritratti tan-nisa li xtaq ikollu.

"Ix-xhud ighid li tul dawn l-ahhar erba' snin missieru ma kienx gie Malta u kienu jikkomunikaw tramite WhatsApp u jitkellmu dejjem fuq in-neputijiet, ix-xoghol, il-familju tieghu peress li kien ghaddej minn hafna problemi u fuq l-affarijiet kurrenti. Ighid ukoll li tul dawn l-ahhar snin, kien twieled neputi iehor, izda qatt ma kien rah. Ix-xhud jammetti li kien hass in-nuqqas ta' missieru peress li kien ghaddej minn separazzjoni hu stess u kellu bzonn is-sapport tieghu.

"Bin il-partijiet ighid li meta missieru ddecieda li jitlaq lil ommu, halla hafna tbati warajh, kif ukoll tbati finanzjarja lil ommu, li minn dejjem ddependit fuq l-intimat. Ighid li missieru kien spicca bla xoghol fin-Nigeria u kien waqaf jibghat il-flus lir-rikorrenti. Kien wieghdu li malli jerga' jsib impjieg jibda jerga' jibghat il-flus lir-rikorrenti, madanakollu jghid li missieru kien dejjem ighidlu l-istess haga, li qed japplika ghall-impjiegi ohra u li dalwaqt kien ser isib impjieg. Jikkonferma li l-ahhar li

kkomunika ma' missieru sakemm gie biex jixhed kien fis-26 ta' Marzu, 2018.

"Rat ix-xhieda ta' Claire Marie Webster, bint il-partijet li spjegat kif f'Novembru, 2011, kienet marret taghti l-ghodwa tajba lill-genituri taghha, qabel ma hadet lit-tfal l-iskola u qabel ma marret ghax-xoghol u ommha kienet qaltlilha li l-intimat kien se jitlaqha. Tghid li ma setghetx tkellimha dak il-hin. Ommha kienet qisha ras maqtugha, imma tistqarr li ma kinitx indunat b'xi tibdil f'missierha, izda mbaghad indunat li kien inbidel maz-zmien. Tiftakar li kien ikollu apatija ghal kollox, ma kienx baqaghlu pacenzja man-neputijiet u kien ukoll tilef interess f'dak li kien qed jigri f'hajjitha u f'hajjet huha.

"Ix-xhud tikkonferma li missierha kien ammetta m'ommha li kellu mara ohra u kienu kkonfermaw ukoll huha u t-tfajla tieghu f'dak iz-zmien ghax kienu prezenti. Ix-xhud tispjega kif wara li kienet traqqad it-tfal, kienet tmur tara lill-genituri taghha,  izda hafna drabi kienet issib lill-ommha wahedha, imbaghad kien jasal missierha, izda ma kinitx tiflah tarah ghax kien jidhol fis-sakra. It-tfajla ta' huha, Chloe, kienet tkun ta' spiss id-dar tal-genituri taghha, ghax din ma kinitx tahdem u kienet izzomm lil ommha kumpanija peress li missierha kien ikun imsiefer hafna. Tghid li generalment kien jaghmel xahar barra minn Malta u xahar hawn, izda mbaghad f'Marzu, 2012, kien telaq u ma giex lura Malta. Kien baqa' in-Nigeria. Tispjega kif ommha riedet issib xi prova dwar adulterju u kienet sa fl-ahhar akkwistat il-*password* tal-mobile tieghu. Hemm sabet xi ritratti inkriminanti, li x-xhud kienet rat ukoll. Kien jidher missierha mghannaq ma' mara ta' karnaggjon skura, jew ritratti ta' missierha jixrob flimkien ma' din il-mara u ma' nisa ohra. Tghid ukoll li kien hemm ritratti ta' missierha bil-parti privata tieghu barra.

"Ix-xhud tispjega li missierha kien gie Malta ftit imbaghad. Kien gie ghal xi gimaghtejn f'Settembru, 2012 u kien qaghad go spare bedroom fid-dar fejn kienet tghix ommha. Imbaghad kien gie f'Marzu, ghal gharrieda u kien qalilhom li kien qed joqghod go lukanda irhisa f'San Giljan u tghid li kienu ssusspettaw li kien qieghed mal-mara Nigerjana. F'April, kien gie ghat-tieg ta' huha u rega' qaghad ghand ommha fl-ispare bedroom. L-ahhar li kien gie Malta kien f'Marzu, 2014 u tghid li dak iz-zmien kellha tarbija li kellu sena u erba' xhur u ilu minn dak iz-zmien ma jarahom, tant li dan tal-ahhar lanqas jiftakru. Kien ikkomunika mat-tfal taghha bi Skype xi hames darbiet u daqshekk. Lilha kien ikkomunika maghha xi hames darbiet f'sitt snin, jew ghall-Milied jew ghall-gheluq sninha. Kien ammetta maghha li kien imdejjaq ghax kien zbalja, izda issa ma setax imur lura. Tghid li haseb li se tinsa' kollox u beda jheddidha li se jehodilha l-appartment fejn kienet tghix, imbaghad biex jidher helu kien qal li kien biss wieghdha li kien ser jiktibilha, izda ommha kienet spjegatilha li l-appartament kien taghha minhabba li kien gie mpartat ma' proprjeta' tal-familja taghha, pero' bdiet tibza'li kien se jibda jhedded lilha minflok.

"Kienet imbaghad marret ma'ommha l-bank u kienu sabu li missierha kien ilu jippanja li jitlaq ghax kien ilu jigbed il-flus u spicca biex halla lil ommu b'xejn, tant li kellha tghinu hi finanzjarjament. Ommha kienet tafdah lill-missierha ghax kien jikkontrolla kollox hu qabel.

"Ix-xhud tghid li r-rikorrenti ma riditx tiftah kawza ta' separazzjoni peress li l-intimat kien jheddiha li ma kienx jibqa' jibghatilha flus. Fejn il-paga li kellu ma kienx jibghatilha  hafna flus, izda kien bizzejjed biex ommha tghix komda, izda f''Marzu, 2017 kien waqaf jibghatilha flus u ommha kellha ddur ghall-beneficcji socjali. Kien hawn li ddecidiet li ma kellhiex triq ohra, hlief li tibda bil-proceduri ta' separazzjoni.

"Ix-xhud tghid li hi taf kollox ghaliex ghandha relazzjoni tajba hafna m'ommha peress li dejjem tkun maghha u tghinha bit-tfal. Tammetti li thossha ddispjacuta b'dak li ghamel missierhom, li halla lil ommhom bla flus u li bidilha ma' nisa ohra.

"Rat ix-xhieda ta' Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezentat dokumenti tal-bank ghall-perjodu bejn 2008 sal-2012:-

(i) "Dok. JB 1 – savings account Resident FC numru 40020243302 li nfetah fl-2011 f'isem l-intimat;
(ii) "Dok JB 2 – savings account Named numru 40020560522 li nfetah fl-2012 f'isem l-intimat;

"F'isem ir-rikorrenti kien hemm hames kontijiet:-

(i) "Dok JB 3 – savings account Named numru 14803896012[9];
(ii) "Dok.JB 4 – savings account Named numru 14803896025[10];
(iii) "Dok.JB 5 – Term deposit numru 14803896067[11];
(iv) "Dok.JB 6 – 30 month Term Deposit numru 40018056585[12];
(v) "Dok. JB 7 – savings account named 40020560739[13]

"Ipprezentat ukoll tlett kontijiet li huma "joint":-

(i) "Dok. JB 8 – savings FC Resident numru 14815122017[14];
(ii) "Dok. JB 9 – savings FC Resident numru 14815122020[15];
(iii) "Dok.JB 10 – savings account named numru 40017177070[16]

"Dwar il-kont Dokument JB 8 dan illum jinstab maghluq u kien foreign currency account f'US dollars, filwaqt Dokument JB 9 illum jinsab ukoll maghluq u kien foreign currency account f'sterling.

[9] Ara fol. 197 tal-process.
[10] Ara fol.200 tal-process.
[11] Ara fol.259 tal-process.
[12] Ara fol. 261 tal-process.
[13] Ara fol. 268 tal-process.
[14] Ara fol. 328 tal-process.
[15] Ara fol. 346 tal-process.
[16] Ara fol. 364 tal-process.

"Dwar il-*withdrawals* li saru mill-kont Dokument JB 10, ix-xhud ma setghetx tikkonferma kif ingibdu u minn min, pero' ghal dak li jirrigwarda l-gbid ta' flus fil-5 ta' Awissu, 2011, setghet tikkonferma li ngibdu minn ATM f'Dingli Str, Sliema, izda ma setghetx tikkonferma minn liema cashlink card, peress li ghaddew hames snin u oltre minn hekk il-partijiet it-tnejn kien ikollhom cashlink card.

"Rat li Stephen Baldacchino in rapprezentanza ta' BNF Bank, Rebecca Micallef ghan-nom tal-APS Bank Limited, Jeannette Lepre ghan-nom ta' Lombard Bank plc u Alison Mifsud Brimmer, ghan-nom ta' HSBC Bank Malta plc kollha kkonfermaw li mir-ricerki li ghamlu ma rrizultawx kontijiet f'isem il-partijiet.

"Rat ix-xhieda ta' Joseph Saliba ghan-nom ta' Jobsplus li esebixxa l-employment history tal-partijiet u kkonferma li mill-ahhar informazzjoni li kellu migbura, l-intimat kien jahdem bhala barge master self-employed u dan mill-14 ta' Frar, 2002. Ikkonferma ukoll li ma kienx f'posizzjoni li jghid fejn ikun l-intimat bhala location.[17]

"Rat ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li pprezenta tlett dokumenti:-

(i) "Dok ST 1 – jindika l-pagamenti li rcieva l-intimat[18];
(ii) "Dok ST 2 – jindika l-beneficcji li qed tircievi r-rikorrent bhalissa[19];
(iii) "Dok ST 3 – jindika l-beneficcji tal-allowance tat-tfal li thallset ir-rikorrenti minn 1996 sa 2002. Dwar il-perjodu ta' qabel 1996 ma kellhomx records bhala Dipartiment ghax kienu jinzammu manwalment[20].

"Jispjega li l-beneficcju li rcieva l-intimat skond Dokument ST 1 kien jirrapprezenta *special unemployment benefit* u kien irceviha bejn il-31 ta' Lulju, 1999 sat-28 ta' Jannar, 2002, probabbli ghax ma kienx Malti, izda ma setax jikkonfermah.

"Dwar il-hlas ta' bolol, ix-xhud jispjega li jekk l-intimat ma hallasx bolla, wiehed irid jara s-sitwazzjoni tar-rikorrenti meta tasal hi ghall-pensjoni, fis-sens li jekk ir-rikorrenti waslet ghall-pensjoni, filwaqt li l-intimat le, tinhadem fuq il-contributions taghha. Bhala Dipartiment ighid li jahdmu fuq il-kontribuzzjonijiet tieghu jekk hu jigi nieqes u r-rikorrenti tigi ntitolata ghall-*widows pension.* Jiddependi jekk il-pensjoni taghha jew tal-intimat huwa l-ghola u hi tircievi dik.

"Spjega ukoll illi sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tircievi parti mill-pensjoni jekk tkun intitolata ghall-manteniment minghandu, l-ewwel l-istess intimat ikun irid applika ghall-pensjoni u jkun intitolat ghaliha. Jista'

[17] Ara Dok. JS1 a fol.419 tal-process u Dok. JS 2 a fol. 422 tal-process.
[18] Ara fol.423 tal-process.
[19] Ara fol.424 tal-process.
[20] Ara fol.425 tal-process.

jaghti l-kaz li jkun hemm digriet mill-Qorti u jimxu fuqu bhala Dipartiment, diment li ma jkunx hemm ksur tal-ligi tas-Sigurta' Socjali.

"Ra x-xhieda ta' Shawn Apap Meli, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li jahdem fis-sezzjoni tal-pensjonijiet fl-ufficcju legali, li pprezenta hlasijiet ta' kontribuzzjonijiet tal-intimat, Dok. SAM1. Jispjega li fejn hemm indikat Class 1 dawn kienu jirrapprezentaw kontribuzzjonijiet ta' impjegat li huwa hallas bhala bolla. Class 2 jirrapprezentaw self-employed contributions imhallsin mill-intimat.

"In total ighid li jrid ikollok 52 kontribuzzjoni, izda rrizulta li fil-kaz tal-intimat, ma kienux thallsu l-kontribuzzjonjiet kollha, jew ghax ma jkunx hadem jew l-employer ma jkunx hallaslu l-bolla. Peress li ma jirrizultax li kien hemm unemployment benefits ifisser li ma kienx qed jirregistra, jew ghax kien ghadu xoghol jew li ma hallasx kontribuzzjonijiet.

"Ix-xhud ikompli jispjega li peress li l-intimat kien jahdem barra minn Malta, seta' kien ghalhekk li l-bolla ma kinitx kollha mhallsa.

"Fl-istess dokument ighid li hemm indikat *credits* ta'Class 1 li jfissru hlasijiet mghoddija lilu bhala *sickness benefit, unemployment jew sickleave.* Ighid li n-numru indikati fil-kolonna relattiva jirreferu ghan-numru ta' gimghat.

"Dwar intitolament ghall-pensjoni jghid li l-ewwel irid jigi stabbilit huwa jekk kienx hallas 20 kontribuzzjoni tul is-snin kollha tal-hidma tieghu, izda irid ikun hemm applikazzjoni ghall-pensjoni. Ighid ukoll li dan it-tip ta' beneficcju ma jithallasx lil terzi, izda huwa tip "pay as you go" li jfisser li jkun intitolat biss il-persuna li hallas.

"F'kaz ta' separazzjoni, il-pensjoni tithallas skond ma jigi ordnat mid-digriet tal-Qorti, id-Dipartiment ma jikkontestahomx. Dwar differenza bejn pensjoni tar-romol u pensjoni tat-two-thirds (pensjoni normali), ighid li anke wara separazzjoni, f'kaz ta' pensjoni tar-romol, il-mara jkollha dritt ghal din il-pensjoni awtomatikament, sakemm ma jkunx hemm kuntratt ta' separazzjoni jew divorzju li jghid mod iehor.

"Ikompi jzid billi jghid li f'kaz ta' separazzjoni l-pensjoni tigi kkalkulata mid-data taz-zwieg sal-mewt tal-persuna. F'kaz ta' divorzju jigi kalkulat fuq kemm ikun dam iz-zwieg jigifieri jkun hemm intitolament izda ma jkunx *full g*hax jigi kkalkolat skond kemm dam iz-zwieg u jista' jkun il-kaz li hemm aktar minn armla wahda.

"Mitlub jispjega jekk minkejja li r-rikorrenti tircievi l-beneficcji socjali, setghetx tkun intitolata ghall-pensjoni tar-ragel li tkun ahjar, ir-rikorrenti tkun intitolata ghal aktar beneficcju favorevoli permezz tal-Artikolu 90 tal-Att tas-Sigurta' Socjali u d-dipartiment jaghzel awtomatikament. Jekk tkun qed tiehu kemm assistenza socjali kif ukoll manteniment , l-assistenza socjali titnaqqas b'percentagg ta' cirka 1.57%.

"Ighid ukoll li meta persuna tkun intitolata ghall-assistenza socjali u pensjoni tar-ragel, jekk ikun hemm digriet tal-Qorti, jekk il-persuna tkun tal-eta' 60+, il-pensjoni tinqaleb ghall-pensjoni tal-eta' flok assistenza socjali. Din hija kontinwazzjoni tar-relief. Jekk tkun intitolata ghall-manteniment li jitnaqqas mill-pensjoni tar-ragel, ikun hemm riduzzjoni tal-pensjoni tal-eta' taghha bhala proporzjon tal-manteniment li tkun qed jircievi u dan skond Skeda 2 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ikkunsidrat

"**RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA**

"**ADULTERJU**

"Illi r-rikorrenti thoss li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrenda ruhu hati ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

"lli fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

> "… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

"Bil-provi li gew ipprezentati quddiem dina l-Qorti, m'hemmx aktar provi lampanti u cari. Meta l-intimat beda juri atteggjament stramb lejn martu u beda jevita li johrog maghha, din diga' *per se* hija indikazzjoni li ma kienx kollox sew bejniethom. Bin il-partijiet Owen Webster kien dak li ntebah l-ewwel li missieru kien qieghed jahbi xi haga minnhom u dan meta kien rah juza' mobile sigriet meta martu ma kinitx mieghu jew hdejh.

"Bla inibizzjonijiet ta' xejn l-intimat, meta kkonfrontat minn ibnu stess ma ddejjaq xejn jammetti mieghu li kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra n-Nigerja fejn kien jahdem fuq offshore ma' kumpanija li jhaffru z-zejt. Bhala ibnu hass li kellu jwissih li dawn l-azzjonijiet immorali tieghu ma kienux ta' gid ghall-familja u ghal ommu u peress li ma kinitx ghadha taf

b'dan kollu. Pero' l-intimat kien dahak b'ibnu stess ghaliex qatt ma waqqaf dawn ir-relazzjonijiet, tant hu hekk, li ibnu stess stqarr li darba kien hareg ma' missieru, li lanqas staha jitkellem mieghu dwar in-nisa li maghhom kellu relazzjoni, kif ukoll bil-wicc tost kollu urih ritratti tan-nisa li xtaq ikollu.

"L-istess ghamel meta r-rikorrenti ammettiet li bdiet tissusspetta li zewgha kien qed juri infedelta' u ***"kien lejn Novembru 2011 li ghamilt il-kuragg u kkonfrontajtu. Wara hafna glied, Richard kien ammetta b'arroganza li kellu mara ohra fin-Nigerja. Niftakar li kien qalli "Yes I'm seeing another woman in Nigeria, what are you going to do about it."***[21]

"Apparti minn hekk, sena qabel, ir-rikorrent kienet saret taf li kellha *gonorrhoea*[22]*,* marda li ttiehed minn relazzjonijiet intimi. Ir-rikorrenti ammettiet li hi kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha biss u wara li kkurat ruhha minn din il-marda ma regghetx qabditha. Fi kliemha stess tghid:-

> "***Jiena certa li din il-marda hadtha minghand ir-ragel ghaliex jien qatt ma kelli relazzjonijiet intimi ma' haddiehor. Di fatti, minn wara li jiena waqaft ir-relazzjonijiet intimi mar-ragel tieghi, jiena qatt ma rega' kelli attakk iehor."***[23]

"Ir-rikorrenti bdiet tfittex kwalsiasi provi li setghet issib u malli skopriet il-password tal-mobile ta' zewgha, irnexxielha ssib diversi ritratti ta' nisa li maghhom zewgha kellu relazzjonijiet, in partikolari ma' wahda minnhom, li gew esebiti bhala prova.[24] Jirrizulta li kien hemm xi ritratti pornografici li r-rikorrenti hasset ma kienux decenti bizzejjed biex jigu esebiti. Madanakollu, bintha stess li kienet maghha meta raw dawn ir-ritratti tghid li kien hemm xi ritratti fejn missierha kien qed juri l-parti privata tieghu. Effettivament, ir-ritratti li gew esebiti ma jhallu l-icken dubju li l-intimat kien qed ighix hajja ta' xalar b'kull sens ta' immoralita' u kull nuqqas ta' obbligu ghal dik li hija fedelta' lejn martu.

"Di piu' fuq il-pagni tal-Facebook tieghu, minghajr biss kien ghadu beda l-procedura ta' separazzjoni minn ma' martu r-rikorrenti kien tella' *status* li huwa tgharras *"got engaged"* u dan kien fit-30 ta' Novembru, 2011 u kien tella' *status* li qieghed f'relazzjoni mill-20 ta' Marzu, 2014.[25]

"Dawn il-provi kollha jirrapprezentaw indizi u prezunzjonijiet gravi bizzejjed biex din il-Qorti tasal biex tiddeciedi li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju u ghalkemm huwa difficli biex tigi stabbilita data preciza meta beda l-adulterju, huwa zgur li mis-sena 2010, zgur li l-intimat kien infidil lejn martu minhabba li mardet bil-gonorrhea.

---

[21] Ara fol.24 tal-process.
[22] Ara DOk. A. a fol.31-34 tal-process.
[23] Ara fol.24 tal-process.
[24] Ara Dok.B1 – B13 a fol.35 -47 tal-process.
[25] Ara Dok.C. a fol.48 u 49 tal-process.

"**<u>ABBANDUN</u>**

"Ili hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

> "***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

"Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva***."

"Fuq dan l-aggravju, ngabu provi sufficjenti. Jirrizulta li l-intimat abbandun ghal kollox il-familja tieghu f'Novembru, 2011 u cioe' meta ammetta ma' martu li kellu relazzjonijiet extra-maritali. Minn zmien qabel, kif xehdet ir-rikorrenti kien ikun evasiv maghha, ghax kull darba li kienet titolbu jhallilha indirizz fejn kien ser ikun fil-kaz li hi jew uliedhom kienu ikollhom bzonn, kien jirrispondiha li kien "***a phone call away."***

"Ulied l-intimat stess hassew hafna l-mod kif missierhom hareg kompletament minn hajjithom. Bintu Claire Marie Webster tghid li minn meta telaq kien ikkuntatjaha xi sitt darbiet f'hames snin u mbaghad ghamel zmien ma jikkomunikax maghha, hlief b'xi messagg ghall-gheluq sninha jew ghal Milied u mbaghad kien cempel qisu xejn m'hu xejn, biex ighidilha li kien imdejjaq u kien zbalja. Tghid li kien gie Malta f'Settembru, 2013 u l-ahhar darba f'Marzu, 2014 fejn kien mar joqghod ghand ir-rikorrent gewwa l-ispare bedroom. Kellha tarbija ta' sena u erba' xhur u minn daqshekk ilu ma jaraha.

"Ma' ibnu Owen Webster forsi kien hemm aktar kuntatt, izda ukoll jammetti li ma jaf fejn jista' jikkomunika ma' missieru, hlief b'emails ghax kontinwament ibiddel in-numru tal-mobile tieghu u dan jafu ghax kull darba li missieru jcempel, jitla' numru differenti. Madanakollu, kemm fuq in-numri u l-emails li nghataw lill-kuraturi deputati, ma kien hemm ebda respons da parti tal-intimat.

"L-abbandun irreka hafna tbati mhux biss ghar-rikorrenti anke sahansitra ghall-uliedu. Ibnu Owen kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u fi kliemu stess ighid li hass li ma kellux missier ghal min idur ghas-sapport:-

> "***F'dan l-ahhar erba' snin is-sitwazzjoni tal-familja tieghi ddeterjorat hafna u jien ma kellix lill-missieri li stajt indur fuqu ghas-sapport. Halla warajh hafna ugigh aparti tbati finanzjarja specjalment ghal ommi li minn dejjem kienet mara tad-dar u omm."***[26]

"Huwa zgur li l-intimat abbanduna ukoll mhux biss lill-uliedu u ghalhekk harab mid-dmirijiet u obbligazzjonijiet ta' missier, izda anke minn dawk ta' nannu ghan-neputijiet tieghu, li bil-kemm jafuh.

"**<u>MANTENIMENT</u>**

"L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

> "***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

"Minhabba l-introjtu sostanzjali tal-intimat, minn dejjem ir-rikorrenti qatt ma hadmet u ghazlet li tkun mara tad-dar. Kienet finanzjarjament totalment dipendenti fuq ir-ragel taghha. Ghal xi zmien wara li l-intimat kien abbanduna l-familja tieghu, kien baqa' jissomministra lill-martu ammont ta' manteniment mensilment li bih kienet tghix komda. Kien jibghat cirka tlett elef Euros fix-xahar (€3000), ammont konsiderevoli, tenut kont li t-tfal taghhom huma maggorenni u kienu jahdmu u jaqilghu l-paga taghhom. Izda madanakollu, kif ben accenat ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghha, l-ammont li kien ighaddilha bhala manteniment ma kienx wiehed generuz, meta kkomparat ma' dak li kien jaqla' kull xahar. Ta' min ighid li biss biss f'Ottubru, 2012 kien bghatt lir-rikorrenti tlett elef Euros (€3000) meta l-introjtu tal-intimat f'dak ix-xahar kien jammonta ghal tnejn u tmenin elf, disgha mija hamsa u sebghin Euros (€82,975).[27] L-istess ammont thallas lir-rikorrenti f'Jannar, 2013, meta ghal dak ix-xahar l-intimat kien ircieva paga ta' wiehed u hamsin elf Euros, erba' mija u ghaxra (€51, 410).

"Din il-Qorti kienet tkun propensa tiggustifika li dan l-ammont ta' manteniment kien qed jithallas peress li kienu jezistu xi djun li kien qed ihallas l-intimat, u ghalhekk kellu bzonn izomm il-maggorparti tal-introjtu tieghu, izda ma jirrizulta xejn minn dan, anzi sorprendentement dawn il-flus, minn paga fenomenali, intuzaw b'mod frivolu ghall-ahhar u dina l-Qorti tikkundanna bil-qawwa l-agir irresponsabbli ta' ragel mizzewweg, li minflok warrab u gemma' l-flus, berbaqhom fuq nisa ohra, nefaqhom fuq pjacir u divertiment u hawn mhux qed nitkellmu fuq

[26] Ara xhieda Owen Webster a fol.119 tal-process.
[27] Ara fol. 144 tal-process.

sold jew tnejn. Ghandu jigi ppuntwalizzat li bejn is-sena 2011 u 2016, l-intimat skond il-kalkolazzjonijiet li hadmet ir-rikorrenti, tramite l-avukat taghha, ibbazati fuq dokumentazzjoni pprezentata mill-Bank of Valletta plc qala' s-somma pjacevoli ta' sebgha mija sebgha u sebghin elf Euros, tlieta u hamsin centezmu (€777,053)[28] mhux kontestati peress li l-intimat huwa kontumaci.

"Ir-rikorrenti pprezentat prospett bl-ammont ta' flus li ghadda lil diversi nisa, li b'kollox jammontaw ghall-ammont ridikolu ta' mija tnejn u sebghin Euros, tmien mija wiehed u ghoxrin Euros u hdax-il centezmu (€172,821.77)[29], ghal darb'ohra mhux ikkontestati peress li l-intimat huwa kontumaci. Jirrizulta ukoll li kien hemm cirkustanzi fejn l-intimat ittrasferixxa ammonti akbar minn dak li kien qed ighaddi lir-rikorrenti. Kaz in punt huwa fejn ittrasferixxa l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Elef Euros, mija u sitta (€25,106) lil Rukevwe Natasha Omerjerho. L-istess gara meta ghadda l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf hames mija u sebghin Euros (€22,587) lil Uchenna Victoria Nwoye. Dan huwa agir ta' barra minn hawn u zgur jirrifletti ragel tal-familja li tilef kull sens ta' ghaqal u responsabbilita'.

"Din il-Qorti tikkundanna ukoll il-fatt li kif xehdet ir-rikorrenti u m'hemmx provi biex jikkontradixxu dak li sostniet, l-intimat kien jheddidha li jwaqqfilha kull manteniment jekk hi tipprocedi bil-proceduri ta' separazzjoni. Madanakollu, xorta wahda, wasal biex waqqaf dan il-manteniment peress li insista li kien bla impjieg u ghalhekk l-ebda introjtu ma kien qed jidhol. Kien ghadda lir-rikorrenti manteniment ghal ahhar darba f'Marzu, 2017, fejn imbaghad kien infurmaha li kien jinstab bla impjieg u wieghdha li kien ser jibghatilha xi flus malli jsib impjieg. Madanakollu, dawn il-flus qatt ma waslu. L-istess jinghad minn bin il-partijiet li jispjega kif missieru kien qallu li kien jinstab dizokkupat u kien qed ifittex ix-xoghol, izda sakemm kienet ghaddejja l-kawza, jirrizulta li qatt ma kien sab xoghol. Dan kollu halla lir-rikorrenti f'qaghda finanzjarja prekarja u kellha tirrikorri ghall-ghajnuna socjali u minn dejjem tghinha finanzjarjament bintha ukoll peress li tehodilha hsieb it-tfal taghha.

"Mill-provi prodotti mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jirrizulta li sa llum l-intimat m'applikax ghall-pensjoni Maltija u peress li kien jahdem mal-Marines l-Inghilterra huwa intitolat ghal zewg pensjonijiet, wahda minn Malta u l-ohra mill-Inghilterra, izda jirrizulta li l-ewwel l-intimat jehtieg li japplika ghall-pensjoni Maltija biex ikun intitolat ghaliha, haga li rrizulta li sallum ghadu m'ghamilix ghad-detriment tar-rikorrenti, anzi ghandu arretrati mad-Dipartiment tat-Taxxi, kif ukoll waqaf ihallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali. Skond is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ghalhekk qed titlob li ghal dak li jirrigwarda l-kalkolazzjoni tal-manteniment dovut lilha, kemm fil-passat, fil-present u fil-futur, biex tissalvagwardja l-posizzjoni taghha, dan ghandu jithallas permezz ta' *lump sum payment* , liema somma ghandha titnaqqas mis-sehem tal-

[28] Ara Dok.B anness man-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.
[29] Ara Dok.A anness man-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

intimat mill-proprjeta' immobbli li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u cioe' l-appartament fejn illum ghadha tirrisjedi r-rikorrenti, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem. Di piu', l-intimat, skond ir-records tal-Jobsplus kien ghadu jidher irregistrat bhala Barge Master.[30]

"Huwa kompitu difficili ghal dina l-Qorti fejn tidhol il-kalkolazzjoni tal-manteniment, stante li hemm indikazzjonijiet li l-intimat kien qieghed, izda bir-rispett kollu, ix-xhieda u cioe' l-familjari tal-intimat qghadu fuq il-kliem tal-intimat peress li ma kienx ghadu qed jibghat flus lir-rikorrenti. Minkejja l-kontumacja tal-intimat, ir-rikorrenti ma pproducitx provi biex turi li llum jekk l-intimat ghandux impjieg fiss u x'inhu l-introjtu tieghu u tapprezza li dan huwa difficili tenut kont tal-fatt li lanqas taf fejn jinstab illum. Madanakollu setghet harrket lir-rapprezentanti tal-kumpanija Swift Techniques International[31] fejn kien jahdem l-intimat u dan jidher mid-dokumenti tal-Bank of Valletta plc zgur sas-sena 2015 u mbaghad fis-sena 2016 mal-kumpanija Energy UK Ltd.[32] u setghu jixhdu bir-rogatorji u b'hekk forsi dina l-Qorti kien ikollha aktar stampa cara tal-introjtu jew le tal-intimat. Ghalhekk il-Qorti ghandha biss informazzjoni li turi li l-intimat hallas manteniment l-ahhar f'Marzu, 2017. Jirrizulta ukoll li l-intimat lanqas baqa' jhallas il-kontribuzzjonjiet tas-sigurta' socjali u lanqas applika ghall-pensjoni li ghal darb' ohra jaghmilha difficli hafna ghar-rikorrenti li jekk l-intimat imut qabilha, tkun tista' ddur ghall-pensjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Pero' dan kollu bl-ebda mod ma jfisser li l-intimat seta' jiddeciedi kollox dwar l-amministrazzjoni tal-flus tal-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti ukoll ssibha difficli biex temmen li llum l-intimat ghadu bla impjieg u minkejja nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti qed tassumi li zgur xi haga qieghed jaqla'. Indubbjament kien jaqbillu johrog ghal kollox minn hajjet il-familja tieghu u kif l-ahjar, hlief billi jghid li kien dizokkupat u jisparixxi, izda dan ma jistax isir a skapitu ta' ulied il-kontendenti, kif ukoll lejn martu r-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mas-sens ta' rassenjazzjoni tar-rikorrenti, minkejja li tifhem il-posizzjoni taghhha, izda ma thossx li l-intimat kien sincier maghha u ma' uliedu dwar l-impjieg u l-introjtu tieghu u ghalhekk thoss li l-intimat ghandu jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu u jkun obbligat ihallas manteniment u dan se jigi kkalkolat a bazi tal-ahhar introjtu tieghu li jidher li d-dhul jammonta ghal cirka erbatax-il elf Euros (€14,000)[33]fix-xahar.

"Il-Qorti tippuntwalizza pero' li ghal darb'ohra ma tistax taqbel mar-rikorrenti li l-manteniment jithallas bhala lump sum payment minn sehem l-intimat tal-proprjeta' immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan peress li bl-assenjazzjoni li se jsiru bil-likwidazzjoni taghha, is-sehem tal-intimat se jkun ferm anqas minn dak dovut lir-rikorrenti u dina l-Qorti se tispjega fid-dettall fil-parti sussegwenti ta' din is-sentenza.

[30] Ara Dok.JS1 a fol.420 tal-process.
[31] Ara dokument a fol.173 tal-process.
[32] Ara Dok. A fol.195 tal-process.
[33] Ara dokument a fol. 194 tal-process.

"**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

"Illi mill-provi prodotti jidher illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:-

(i) "Kontijiet bankarji
(ii) "Proprjeta' fil-Bulgarija;
(iii) "L-appartament li jikkonstitwixxi d-dar matrimonjali u cioe' 134, Flat 1, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema.

"**Kontijiet Bankarji**

"Mill-provi jirrizulta li l-kontijiet bankarji tal-partijiet huma kollha mal-Bank of Valletta plc. Jirrizulta li b'kollox kien hemm ghaxar kontijiet li huma s-segwenti:-

(iii) "F'isem l-intimat Dok. JB 1 – savings account Resident FC numru 40020243302 li nfetah fl-2011;[34]
(iv) "Dok JB 2 – savings account Named numru 40020560522 li nfetah fl-2012 f'isem l-intimat;[35]

"F'isem ir-rikorrenti kien hemm hames kontijiet:-

(vi) "Dok JB 3 – savings account Named numru 14803896012[36];
(vii) "Dok.JB 4 – savings account Named numru 14803896025[37];
(viii) "Dok.JB 5 – Term deposit numru 14803896067[38];
(ix) "Dok.JB 6 – 30 month Term Deposit numru 40018056585[39];
(x) "Dok. JB 7 – savings account named 40020560739[40]

"Ipprezentat ukoll tlett kontijiet li huma "joint":-

(iv) "Dok. JB 8 – savings FC Resident numru 14815122017[41];
(v) "Dok. JB 9 – savings FC Resident numru 14815122020[42];
(vi) "Dok.JB 10 – savings account named numru 40017177070[43]

"Dwar il-kont Dokument JB 8 dan illum jinstab maghluq u kien foreign currency account f'US dollars, filwaqt Dokument JB 9 illum jinsab ukoll maghluq u kien foreign currency account f'sterling.

"Jidher car li l-mod kif kienu jmexxu l-finanzi bejniethom sakemm kien miexi kollox harir, kien kollox jigi amministrat mill-kont kongunt numru

[34] Ara fol.138 tal-process.
[35] Ara fol.179 tal-process.
[36] Ara fol. 197 tal-process.
[37] Ara fol.200 tal-process.
[38] Ara fol.259 tal-process.
[39] Ara fol. 261 tal-process.
[40] Ara fol. 268 tal-process.
[41] Ara fol. 328 tal-process.
[42] Ara fol. 346 tal-process.
[43] Ara fol. 364 tal-process.

14815122017 savings. Hawn kienet tidhol il-paga tal-intimat u jirregolaw il-finanzi u l-infieq taghhom minn dan il-kont. Mill-istess kont jidher li sas-sena 2010 ma kienx hemm hafna movimenti, meta kkomparat ma l-ammonti li bdew jigu ttrasferiti mis-sena 2010, li jidhru kienu aktar konsistenti u regolari u fuq kollox sostanzjali. F'dan il-perjodu jidher li l-intimat diga' kien qieghed f'relazzjonijiet man-nisa ohra. Minn ezami akkurat jirrizulta kif allegat ir-rikorrenti, li dawn it-trasferimenti kienu qed isiru ghal gol-kont personali tal-intimat li jgib in-numru 40020243302, li sorprendentement infetah f'2011 u cioe' meta kien ammetta ma' martu li kien ikkometta adulterju.

"Il-fatt li kienu qed isiru trasferimenti regolari jaghti x'jifhem li l-intimat kellu intenzjonijiet li jqarraq b'martu u ppregudika l-finanzi taghha ghall-vantagg tieghu u ghall-kapricci. L-agir huwa ta' ragel li abbuza mill-fedelta u fiducja ghamja li kellha martu fih. Sahansitra tant kienet tafdah li lanqas ntebhet li kien hadilha l-flus kollha mill-kont kongunt u dan meta nofshom kienu jappartjenu lilha bhala sehemha mill-komunjoni.

"Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018 bin-numru ta' referenza **60/2013RGM, fl-ismijiet A sive B C vs DC,** din l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha bil-mod segwenti dwar agri simili hafna ghal dak tal-intimat assenti:-

> "***Il-konvenut kien jittratta dawn l-investimenti daqs li kieku kienu patrimonju personali tieghu li l-attrici ma kellhiex dritt ikollha taghrif dwarhom, ahseb u ara kemm tiehu sehem fid-decizjonijiet dwarhom. Jirrizulta li dan ma kienx agir ta' darba biss izda agir sistematika u persistenti mifrux fuq medda ta' snin…..Dan pero' ma jfissirx li r-ragel jista' jamministra l-beni tal-komunjoni daqs li kieku martu ma tezistix. Anzi wiehed mill-konjugi jkun hafna izjed familjari u kompetenti fi kwistjonijiet finanzjarji u investimenti mill-parti l-ohra."***

"L-istess principju gie enuncjat fis-sentenza **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schemnbri moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta' Settembru, 2009**, li minnha kien hemm appell fit-2 ta' Marzu, 2010 li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza:-

> "***Jigi puntwalizzat ukoll li l-fatt li l-attrici kienet thalli kollox f'idejn zewgha, ma jfissirx li hu kellu dritt li jabbuza mill-fiducja taghha jew li jittratta l-gid tal-familja bhallikieku kien tieghu biss. Fil-fehma tal-Qorti dak li gara wara li l-attrici fittxet id-drittijiet taghha huwa rifless tal-qabel ma nfethet din il-kawza. Hu kien qed jamministra b'mod qiesu l-flus tan-negozju kienu kollha tieghu."***

"Jirrizulta li mill-kont numru 4815122017, sa Ottubru, 2011 u cioe' xahar qabel ma kien telaq kien hemm wiehed u tlettin elf, sitt mija u tnejn u erbghin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€31, 642.41), li maghhom imbaghad zdiedu z-zewg pagi tal-intimat f'Ottubru, 2011 fl-ammont ta' tnax-il elf erba' mija u sitt Euros u hamsin centezmu (€12,406.50) u dik

ta' Novembru, 2011 fl-ammont ta' erbatax-il elf, tmien mija sitta u ghoxrin Euros u hamsin centezmu (€14,826.50),[44] li b'total jammontaw ghal tmienja u hamsin elf, tmien mija hamsa u sebghin Euros, wiehed u erbghin centezmu (€58,875,41). Peress li bejn il-perjodu li rcieva dawn il-pagamenti, l-intimat beda jizbanka ammonti ta' hamest elef Euros (€5000) ghal diversi drabi, hdax b'kollox, ir-rikorrenti qed tinsisti li hi ghandha nofs l-ammont totali msemmi aktar 'l fuq u dan peress li huwa sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u cioe'disgha u ghoxrin elf, erba'mija sebgha u tlettin (€29,437).

"Il-Qorti rat ukoll il-prospetti esebiti mir-rikorrenti man-nota ta' sottomissjonijiet taghha, fejn mill-kalkolazzjonijiet li ghamlet mill-istatements esebiti mill-Bank of Valletta plc irrizulta li bejn l-2011 u l-2016 l-intimat dahhal introjtu ta' seba' mija sebgha u sebghin elf , tlieta u hamsin Euros (€777, 053), li minnhom ittrasferixxa s-somma ta' elf tnejn u sebghin elf, tmien mija wiehed u ghoxrin Euros, sebgha u sebghin centezmu (€172,821,77) lil diversi nisa minn Nigerja u nofs il-bilanc li fadal u cioe' s-somma ta' tlett mija tmienja u tmenin Elf, hames mija sitta u ghoxrin Euros (€388,526) jappartjenu lir-rikorrenti bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, izda tenut kont li l-intimat baqa' jghaddi l-flus lir-rikorrent sas-sena 2017, b'kollox irceviet mija tmienja u sittin Elf, hames mija tnejn u sittin Euros (€168,562), ghalhekk jifdal li hija ntitolata ghas-somma ta' mitejn u dsatax-il elf Euros, disa' mija erbgha u sittin (€219, 964).

"Madanakollu ghandu jigi ppuntwalizzat li mill-flus li l-intimat kien jibghat lir-rikorrenti kienet thallas l-kontijiet kollha hi u l-istess intimat qatt ma bghatt flejjes zejda sabiex dawn ikopru ghall-ispejjes tal-kontijiet regolari bhad-dawl, ilma, telefon, il-life insurance mal-MSV Life plc u spejjes ohra marbutin mal-hajja ta' kuljum, filwaqt li hu baqa' jixxala u jberbaq il-flus a pregudizzju tar-rikorrenti, tant li fil-kontijiet bankari f'Malta kien baqghalu biss erbat elef Euros (€4,000) li gew sekwestrati l-Qorti fuq mandat mahrug mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti issa qed titlob li dan l-ammont ghandu jigi assenjat lilha, tenut kont tal-ispejjes li baqghet thallas hi, mill-flus li l-intimat kien jibghatilha.

"Ta' min izid ukoll illi dwar il-polza ta' assikurazzjoni mal-MSV Life plc. Apparti l-fatt li ghall-perjodu bejn 2012 u 2016, kienet ir-rikorrenti li baqqghet thallasha, u meta mmaturat accettat li dawn il-flus jigi maqsuma bejniethom u fil-fatt l-intimat ircieva l-pagament ta' sehemhu mill-MSV Life plc fl-ammont ta' sbatax-il elf, tlett mija u erbatax-il Euros (€17,314) fis-21 ta' Gunju, 2016 u bhala rizultat baqa' ma hallasx manteniment lir-rikorrenti sa Ottubru, 2016 [45] u l-istess rikorrenti kellha tuzaha l-flus taghha ghall-hajja ta' kuljum.

"**<u>PROPRJETA' FIL-BULGARIJA</u>**

[44] Ara fol.344 tal-process.
[45] Ara fol. 193 u 251 tal-process.

"Ir-rikorrenti semmiet li l-intimat dejjem kellu holma li jkollu proprjeta' l-Bulgarija u fil-fatt fiz-zwieg kienu ghamlu investiment f'dan il-pajjiz ghaliex kienu xtraw proprjeta' hemmhekk f'isem is-socjeta' Webbies Ltd. fejn il-konjugi ghandhom ishma ndaqs ghall-valur ta' disgha u erbghin elf, erbgha u erbghin Euros (€49,044). Ir-rikorrent taghmilha cara li m'ghandha l-ebda interess f'din il-proprjeta' u titlob biss li s-sehem tal-intimat jitpartat ma' sehemhu mid-dar matrimonjali u l-istess valur ghandu jinhadem fuq il-valur meta giet akkwistata l-proprjeta' Ir-rikorrenti tiddikjara li hi mhix interessata fil-valur ta' llum tal-istess proprjeta'.

"**INVESTIMENTI FINANZJARJI**

"Gie ppruvat ukoll li l-intimat kellu xi ishma fil-Global Marine Drilling Corporation u kien hemm zewg poloz:-

(iii) "9860223 li f'April, 2014 kien hemm bilanc ta' GBP 16,275.36;
(iv) "9860231 li f'April, 2014 kien hemm bilanc ta' GBP 12,696.14[46]

"Ir-rikorrenti tiddikjara li hija ghandha dritt ghan-nofs dawn l-ishma u dan peress li dawn saru fiz-zwieg u ghalhekk jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

"**DAR MATRIMONJALI**

"Il-partijiet kienu xtraw l-appartament numru 134, Flat 1, Triq Sant'Elena, Sliema, fil-11 ta' Marzu, 2002 ghall-prezz ta' sebghin elf Euros (€70,000) fl-atti tan-Nutar Dr.Herbert Cassar. Minkejja li dan l-appartament huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ir-rikorrenti qed titlob li sehem l-intimat jigi saldat mal-ammonti li ghandu jghaddilha bhala sehemha mill-kontijiet bankarji, bhala sehemha mill-valur tal-fond tal-Bulgarija, kif ukoll bhala sehemha mill-investimenti finanzjarji msemmija aktar 'l fuq.

"Din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti ma gabitx provi ta' x'inhu l-valur vera u proprju tal-appartament in kwistjoni, izda donnha qed tikkuntenta li jekk issir tpacija bejn l-ammonti li ghandu jghaddilha l-intimat ma' sehemu mill-appartament hi tkun soddisfatta. Mill-valur li semmiet bhala valur tad-dar matrimonjali u bhala valuri li qed tippretendi a saldu ta' sehemha, jidher li l-valur tal-ahhar wisq jeccedi l-valur ta' sehem l-intimat mid-dar matrimonjali. Apparti l-fatt li r-rikorrenti naqset li ggib prova tal-valur tas-socjeta' Webbies Ltd. li ghan-nom taghha nxtrat il-proprjeta' fil-Bulgaria u li taghha ghandha sehem ukoll. Jista' jaghti l-kaz li r-rikorrenti m'ghandhiex interess.

"Ghar-rikorrenti jidher li huwa importanti biss li tibqa' tghix fl-istess fond matrimonjali peress li dan l-appartament huwa sottopost ghall-appartament fejn toqghod binthom u tametti li huwa konvenjenti li hi

[46] Ara Dok.M a fol. 95 tal-process.

> tibqa' tghix hemm stante l-fatt li tghin lill-bintha, li tahdem b'uliedha sakemm ommhom tkun ix-xoghol. Huwa evidenti li r-rikorrenti ghaddiet minn hafna u hajjietha nqalbet ta' taht fuq u ghaliha llum huwa iktar importanti li tghix ***"fil-kwiet u fil-paci mat-tfal u n-neputijiet"*** taghha a kuntrarju ta' zewgha".

## L-Appelli

3. Il-konvenut appella permezz ta' rikors prezentat fit-8 ta' Frar 2019 li ghalih wiegbet l-attrici b'risposta prezentata fis-7 ta' Marzu 2019 u b'appell incidentali.

4. L-Appell tal-konvenut huwa bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ammont ta' manteniment fissat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv u [2], li l-ewwel Qorti ma tatx direzzjoni lill-attrici ta' kif ser titrasferixxi sehemha fil-proprjeta` sitwata fil-Bulgaria.

5. Il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata abbazi tal-aggravji tieghu.

6. L-attrici fir-risposta taghha tati r-ragunijiet ghaliex fil-fehma taghha l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud. Hi ghamlet appell incidentali ibbazat fuq l-aggravji: li l-ewwel Qorti naqset milli taqsam l-investiment il-ghandhom il-partijiet fis-socjeta` internazzjonali bl-isem *Global SantaFe* u li, minkejja li l-ispejjez gew akkollati lill-konvenut, ir-Registratur tal-Qorti baghat kont lill-attrici anke jekk bi dritt ta' rivalsa lejn il-konvenut assenti.

Hi tghid li jekk dawn l-ispejjez jithllasu minnha l-probabbilita` kbira hi li dawn ma jigux rifuzi lilha

7. Min-naha tieghu l-konvenut jirrispondi ghall-appell tal-attrici jghid: li l-ewwel Qorti kienet ingusta meta qasmet il-kommunjoni b'mod li l-attrici hadet aktar minn nofs l-assi tal-kommunjoni u li, "*…. ghar-rigward tat-tieni aggravju l-Onorabbli Qorti ordnat sabiex l-ispejjez jithallsu mill-intimat u l-Qorti m'ghandhiex dritt li johodhom mir-rikorrent u di piu hemm aktar flus li gew assenjati lir-rikorrenti apparti li giet assenjata d-dar matrimonjali*".

<u>L-Appell tal-Konvenut</u>

*L-Ewwel Aggravju*

8. Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici retta alimentali mensili ta' €3,000. Huwa jghid li dan l-ammont huwa ezagerat fid-dawl ta' dak li soltu jinghata bhala manteniment li ghandu jkun skont il-bzonnijiet tal-mara jew tat-tfal. Jilmenta li l-ewwel Qorti tat lill-attrici l-assi kollha formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u jsemmi fir-rigward s-sehem tieghu mid-dar matrimonjali u l-flejjes bankarji sostanzjali.

9. Min-naha taghha l-attrici pprezentat risposta dettaljata dwar l-introjtu tal-konvenut matul il-perijodu li jestendi mis-sena 2012 sas-sena

2016 u tissenjala li, filwaqt li lilha kien jghaddilha manteniment mensili ta' €3,000 ghall-bzonnijiet taghha u sabiex thallas il-kontijiet tad-dar u spejjez ohra, hu kien ghadda ammonti sostanzjali ta' flus lil zewg nisa barranin. Din il-Qorti ivverifikat il-korrettezza tal-kontenut tar-risposta li l-parti relevanti taqra hekk:

> "i) Illi dan l-ammont kien l-ammont li l-istess konvenut kien jivverda lill-attrici martu ta' kull xahar bejn Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u April tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghaldaqstant li kieku dan l-ammont kien wiehed esagerat dan ma kienx ser jivversah ghal dawn ix-xhur kollha specjalment meta dan l-ammont kien decizjoni unilaterali tal-konvenut sabiex jippreveni lill-martu milli tintavola procedure ta' seperazzjoni personali kontrih. Dawn il-pagamenti jistghu jigu facilment stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti mill-*istatements* pprezentati mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc a fol. 179-193 tal-process;
>
> "ii) Illi fil-fatt dan il-manteniment ta' tlett elef euro (eur3,0000 li jidher ammont esagerat huwa filfatt qatra fejn l-introjtu li jaghmel il-konvenut assenti Richard Webster. Kif diga accenat l-attrici appellata fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza, il-konvenut assenti jaghmel ammonti stratosferici bhala introjtu. Hekk ezempju fix-xahar ta' Ottubru 2012, l-intimat kellu dhul ta' tnejn u tmenin elf, disa' mija hamsa u sebghin euro (Eur82,975) u lill-martu trasferixxilha tlett elef euro (eur3000) kif jidher afol. 144 tal-process. Fix-xahar ta' Dicembru 2012, l-intimat dahhal introjtu ta' sebgha u erbghin elf, mitejn u sittin euro (Eur47,260) (fol. 146) filwaqt li ttrasferixxa lill-martu tlett elef euro (eur3000) biss. Fix-xahar ta' Jannar 2013 l-intimat assenti dahhal dhul ta' wiehed u hamsin elf, erba' mija u ghaxar euro (Eur51,410) (fol.147) u ghal darb'ohra baghat lill-martu tlett elef euro (Eur3000) biss. L-attrici appellate tista' tibqa' taghti ezempju wiehed wara l-iehor ta' dan. Ghalhekk meta wiehed jara dawn l-ammonti stratosferici ta' dhul tal-intimat, wiehed jasal ghal fehma illi tlett elef euro (Eur3000) huma biss qatra ghalih. Irid ukoll jinghad illi dan minkejja l-fatt illi sad-data tal-31 ta' Jannar tas-sena kurrenti, kienet tapplika l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendi u ghalhekk l-attrici appellata kellha dritt ghan-nofs ta' dan id-dhul u mhux ghal tlett elef euro (Eur3000) biss!
>
> "iii) Illi tant kemm l-ammont ta' tlett elef euro (Eur3000) m'huma xejn ghall-intimat assenti illi ma' martu hu kien imantni numru ta' nisa ohra. Oltre minn hekk, kien hemm xhur meta lil dawn in-nies amanti tieghu ttrasferilhom ammonti hafna akbar minn dawn li hu ttrasferixxa lill-martu. Dan ukoll inghad mill-attrici appellate fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha. Anzi din trid tigi nterpretata bhaka li l-intimat

assenti uza gidu u gid martu (minghajr ma kellu ebda dritt ahseb u ara kunsens jaghmel dan) fuq nisa barranin. Ipprefera iberbaq gidu fuq dawn in-nisa minflok jinvesti fin-neputijiet tieghu u halla lill-martu lampa stampa li kellha ddur fuq it-tfal u ghall-beneficcji socjali ghaliex l-attrici ma tiekolx gebel. Hekk ezempju fix-xahar ta' Awwissu 2013 l-intimat assenti baghat is-solti ammont ta' tlett elef euro (Eur3,000) lill-martu izda mbaghad ittrasferixxa hamsa u ghoxrin elf, mija, hamsa u disghin euro (Eur25,106) lil Rukevwe Natasha Omerjerho fost ammonti ohra lil nisa ohra li fit-total ammontaw ghall hamsa u erbghin elf, mija, hamsa u disghin euro (Eur45,195) ghal dak ix-xahar biss (fol. 152-154)! Ezempju iehor huwa dak tax-xahar ta' April 2015 fejn l-intimat assenti ttrasferixxa lil martu tlett elef euro (Eur3000) izda mbaghad ittrasferixxa tnejn u ghoxrin elf, hames mija sebgha u tmenin euro (Eur22,587) lil Uchenna Victoria Nwoye kif jidher a fol. 172 tal-process. Ghalhekk jekk l-intimat assenti kien dispost li jonfoq dawn il-flejjes kollha fuq nisa li maghhom qed jghix hajja ta' tbahrid u xalar, kemm aktar ghandu jaqsam gidu ma' martu u familtu!

"iv) Illi fir-rigward tad-dikjarazzjoni illi l-attrici appellata kapaci tahdem u ghalhekk ma kellux jigi ffissat dak il-manteniment, l-attrici appellata tissottometti illi fl-ewwel lok hija ghandha problem ta' sahha li ma jippermettulix li tahdem ghaliex kemm-il darba jkollha tigi rikoverata l-isptar. Dan l-attrici ma dahlitx fih fil-provi quddiem l-Ewwel Qorti ghaliex ma ratx l-importanza li taghmel dan madanakollu hi ghandha diversi karti medici li tista' tipprezenta in sostenn ta' din id-dikjarazzjoni. Fit-tieni lok, tajjeb li jinghad ukoll illi l-attrici appellata llum-il gurnata ghandha tlieta u sittin sena (63) u ghalhekk tinsab fl-eta` tal-pensjoni mhux f'eta` li terga' lura ghad-dinja tax-xoghol ghaliex zewgha berbaq gidhom u dan wara li ghamlet is-snin ta' zwiegh taghhom kollha tiehu hsieb lilu u lit-tfal tal-partijiet u issa qieghda tghin fit-trobbija tan-neputijiet. Anke li kieku ghas-sahha tal-argument l-attrici appellata kellha tmur tahdem illum, wara dawn is-snin kollha wieqfa, x'paga ser ikollha? Dan l-aggravju tal-intimat appellant huwa mhux biss ingust izda wiehed degredanti ghall-ahhar u qat ma missu sar! Mela wara li l-intimat assenti abbanduna lill-familtu, telaq jghix hajja ta' tbahrid ma' diversi nisa, nefaq u berbaq gid il-kontendenti, qatgha kull kuntatt u wara dan kollu, tkun l-attrici appellate li tkompli ggorr il-konsegwenzi billi fl-eta` tal-pensjoni tohrog tahdem! L-esponenti tinsab fiducjuza li din l-Onorabbli Qorti sejra tara kemm dan l-aggravju huwa wiehed ingust u t'offiza lejn l-esponenti li dejjem baqghet fidila lejn zewgha u li ghadha sal-lum tiehu hsieb il-familja taghhom.

"v) Illi fl-ahhar mill-ahhar, l-esponenti tissottometti illi l-ahhar trasferiment li l-intimat ghadda lill-martu kien f'Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ghalhekk ilu sentejn ma jibghat sold lill-familtu. Illi minkejja li l-attrici appellanta ghaddiet id-dettalji kif id-deputati kuraturi setghu jaghmlu kuntatt mal-intimat assenti, dan ma wegibx ghal dawn it-tentattivi. Hareg mill-affidavit ta' iben il-partijiet illi l-ahhar kuntatt li l-intimat assenti kellu mieghu kien f'Marzu 2018 proprju meta gew intavolati l-proceduri odjerni. Illi fl-isfond ta' dan kollu, l-attrici appellant

> temmen illi l-eventwalita` li l-intimat assenti jibda jhallas dan il-manteniment hija wahda remota".

10. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li skont il-ligi l-manteniment huwa komputat fuq il-bzonnijiet ta' min qed jircevih u l-mezzi ta' min hu obbligat li jaghtih. Issa jirrizulta mhux kontestat, u illum huwa *res judicata,* li l-konvenut kien abbanduna lil martu biex mar jirrisjedi ma' mara ohra fin-Nigeria. Bejn is-snin 2012 u 2016 huwa kien jivversa lil martu manteniment ta' €3,000 fix-xahar, filwaqt li jirrizulta li matul dak il-perijodu kien ghadda ammonti sostanzjali ta' flus lil zewg nisa. Fis-sena 2016 huwa ma baqax jibghat manteniment lill-attrici u kien qalilha li kien safa' bla impieg.

11. Huwa rilevanti wkoll li, jirrizulta mhux kontestat, li l-attrici qatt ma hadmet barra mid-dar matrimonjali u llum ghandha 63 sena, u ghalhekk il-potenzjal taghha li tidhol fid-dinja tax-xoghol huwa limitat hafna ghax il-possibbilita` li ssib xoghol addattat ghaliha hija remota.

12. Barra minn hekk jirrizulta wkoll mhux kontestat li l-konvenut ghandu introjtu sostanzjali u ghalhekk ghandu l-mezzi sufficjenti sabiex ikompli jhallas il-manteniment bir-rata fuq indikata. Rigward dak li kien qal lill-attrici li llum huwa bla impieg u ghalhekk m'ghandux minn fejn ihallasha manteniment, din il-Qorti tissenjala li l-oneru tal-prova ta' din l-allegazzjoni, jigifieri li llum il-konvenut m'ghandux mezzi sufficjenti biex

ikompli jhallas il-manteniment, jispetta lilu u, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, din il-Qorti ghandha tibqa' tqis li s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu ma tbiddlitx u ghalhekk il-konvenut ghad ghandu introjtu u mezzi biex ikompli jhallas lill-attrici l-manteniment fl-ammont fissat mill-ewwel Qorti.

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

14. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma tatx direzzjoni lill-attrici kif ser titrasferixxi sehemha fil-proprjeta` tal-Bulgarija ghal fuq isem il-konvenut. Jghid, li dan in-nuqqas jaghmilha impossibbli sabiex il-konvenut jakkwista dak li hu sehemu skont is-sentenza appellata. Il-minimu li seta' jigi ordnat hu li l-attrici tersaq ghall-eventwali trasferiment ta' sehemha gewwa l-Bulgarija.

15. L-attrici tirrispondi ghal dan l-aggravju billi tissenjala li l-ewwel Qorti hatret nutar lokali sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni tal-proprjeta` tal-partijiet u awtorizzatu "*jaghmel dak kollu li hu mehtieg, incidentali u/jew ancillari ghal dan l-iskop*".

16. L-attrici tissenjala li skont il-ligi l-ewwel Qorti setghet ordnat li tigi prezentata nota ta' insinwa fir-registru pubbliku mid-Direttur tal-Qrati Civili

ladarba ix-xoljiment u terminazzjoni u assenjazzjoni tal-beni formanti l-kommunjoni tal-akkwisti kienu parti integrali mis-sentenza appellata.

17. Tissottometti wkoll li, ladarba l-proprjeta` inxtrat fuq isem il-kumpanija *Webbies Limited* imwaqqfa appozitament, l-attrici tista' tirrizenja mill-kumpanija b'mod li l-konvenut jigi li jkun l-uniku direttur tal-istess u ghalhekk l-uniku proprjetarju tal-fond inkwistjoni fil-Bulgarija. Tghid ukoll li meta nxtrat il-kumpanija dan sar permezz ta' agent li kien inghata prokura ghal dan l-iskop mill-partjiet u ghalhekk, l-istess agent tista' tigi awtorizzatata mill-attrici sabiex tidher fuq l-att pubbliku gewwa l-Bulgarija sabiex l-attrici titrasferixxi sehemha minn dik il-proprjeta`.

18. Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju hu intempestiv, stante li kif tghid l-attrici stess hi dejjem lesta li taghmel dak kollu mehtieg sabiex it-trasferiment tas-sehem taghha fil-proprjeta` tal-partijiet fil-Bulgarija jigi trasferit ghal fuq il-konvenut. Di fatti fir-risposta tghha taghti suggerimenti kif dan jista' jsir. Inoltre, ma irrizultax li sar xi tentattiv da parti tal-konvenut sabiex din il-parti tas-sentenza appellata tigi ezegwita. Ghalhekk din il-Qorti, ghal kul buon fini ser tordna li l-attrici taghmel dak kollu necessarju sabiex din titrasferixxi sehemha fl-imsemmija proprjeta`.[47]

[47] Ghal kull buon fini jigi senjalat li r-Regolament EC 2201/2003 fil-Kapitolu III Sezzjoni I intestata "Recognition" jaqra hekk: "1. *A judgment given in a Member State shall be recognised in the other Member States without any special procedure being required."*

19. Ghaldaqstant u fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi dan l-aggravju qed jigi hekk milqugh.

L-Appell Incidentali

20. Bazikament dan hu fis-sens li fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-investiment tal-partijiet fis-socjeta` *Global SantaFe* liema investiment fis-sena 2012 kien juri bilanc ta' $39,600 dollaru, u ghalhekk l-attrici ghandha nofs dan l-ammont u aktar, bhala s-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti.

21. L-attrici tissottometti li ghandu jigi ordnat li, kemm il-darba dan l-investimenti mas-socjeta` *Global SantaFe* ghadhom disponibbli sehem l-intimat minn dawn l-investimenti jaghmlu tajjeb, *in toto jew in parte*, ghall-ispejjez tal-Qorti skont it-taxxa rilaxxjata mir-Registratur tal-Qrati Civili.

22. Min-naha tieghu l-konvenut jghid li "*il-Qorti m'ghandhiex dritt li jehduhom mir-rikorrenti u di piu hemm aktar flus li gew assenjati lir-rikorrenti apparti li giet assenjata d-dar matrimonjali*".

23. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li ma sarx appell da parti tal-konvenut minn dik il-parti tas-sentenza appellata li akkollat l-ispejjez kollha lilu u ghalhekk illum huwa finalment deciz li l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

24. Rigward l-investiment *[Retirement Plan]* ma' *Global SantaFe*, il-Qorti tosserva li mill-affidavit tal-attrici u d-dokument annessi [48] jidher li l-partijiet ghandhom dan l-investiment, li huwa relatat mal-pensjoni tal-irtirar, li fis-sena 2012 jammonta ghas-somma fuq indikata, u jirrizulta li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni dan l-investiment fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk dan l-ilment huwa gustifikat, u din il-Qorti ser tordna li, il-valur ahhari ta' dan l-investiment illum, ghandu jinqasam bin-nofs sabiex nofs jinghata lill-attrici u n-nofs l-iehor, wara li jitnaqqsu minnu l-ispejjez gudizzjarji kollha skont taxxa ufficjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti, jinghata lill-konvenut. B'hekk ukoll jigi sorvolat l-ilment tal-attrici dwar l-ispejjez akkollati lill-konvenut li r-Registratur qed jippretendi li jihallsu mill-attrici.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-appell principali limitatament billi fis-sentenza appellata jizdied li l-attrici hija ordnata sabiex taghmel dak kollu mehtieg sabiex is-sehem taghha fil-proprjeta` tal-partijiet fil-Bulgarija, fil-prezent taht isem il-kumpanija *Webbies Ltd*, jigi trasferit lill-konvenut, u tichad l-appell ghal bqija; tilqa' l-appell incidentali tal-attrici u tordna li, il-

[48] Foll. 89 *et seq.*

valur tal-investiment illum, li l-partijiet ghandhom mas-socjeta` *Global SanteFe* jigi deviz bejn zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon minnhom jigi assenjat lill-attrici filwaqt li jigi assenjat lill-attrici wkoll min-nofs l-iehor dak l-ammont li jirrapprezenta l-ammont ta' drittijiet u spejjez dovuti skont taxxa ufficjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti, sabiex l-istess attrici thallas dawn l-ispejjez tal-proceduri odjerni, u l-kumplament jinghata lill-konvenut.

L-ispejjez tas-zewg istanzi jkunu a kariku tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb